MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT

### ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2014

Numru. 1003/2013

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Matthew John Mizzi bin John Victor u Antonia nee` Calleja imwieled fit-23 ta' April fl-1990. Residenti 11, Triq Zondadari, Rabat u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 219390M.

Talli;

Fl-1 ta' Novembru 2012, ghall-habta tat-10:30hrs gewwa Triq Schembri, Hamrun:

1) Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni GBJ-252, u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b`nuqqas ta hila fl-arti jew professjoni jew b`nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, laqatt lil Frances Gaffiero w involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr. Daniel Micallef M.D Reg. 5361 mill- M.D.H

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti tal-process;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien qed isuq il-vettura tax-xoghol tieghu fid-data, lok u hin indikati, meta fl-istess waqt kienet qed taqsam it-triq certa Frances Gaffiero. L-imputat deher li nhasad, u laqat lil Gaffiero bil-vettura misjuqa minnu, b'konsegwenza ta' hekk spiccat issofri minn griehi gravi.

Mid-dinamika tal-incident jidher car li kien hemm negligenza kontributorja konsiderevoli mill-parti leza. L-imputat ma jahti xejn ghal dan l-incident. Fl-istess triq minn fejn qasmet Gaffiero, hemm zewg pedestrian crossings, sew ftit 'il fuq minn fejn qasmet, u sew ftit 'l isfel. Madankollu, hi qasmet minn kwazi salib it-toroq, u stqarret fix-xiehda taghha li ma harsetx sew meta qasmet, ghax kienet mghaggla. Ta' min jirrileva li t-triq in kwistjoni hi wahda dritta, u l-imputat kellu vizwali tajba taghha. Jidher li Gaffiero tant qasmet ghal gharrieda li Mizzi l-anqas kellu hin jaghmel manuvra biex jevita l-impatt. B'hekk, l-emergenza subitanja giet mahluqa minn Gaffiero stess, u Mizzi ma jahti xejn ghal dan l-incident.

Ghalhekk il-Qorti m'hix qed issib htija fl-imputat u ser tghaddi biex tilliberah.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ma tistax issib lill-istess imputat Matthew John Mizzi hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghal daqstant qieghda tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------